**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Josric Mifsud)**

**vs**

**Clayton Azzopardi**

Kump. Nru: 786/2015

Illum 5 ta' Dicembru 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Clayton Azzopardi detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 336388(M).

1. Akkuzat talli nhar il-25 ta' Lulju 2015 ghall-habta ta' bejn id-9:30pm u l-10:00pm, gewwa Bieb Bormla, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, volontarjament hebbejt ghal fuq il-persuna ta' Chantelle Micallef u/jew persuna/i ohra, u tajt bidu ghall-ezekuzzjoni ta' delitt liema delitt ta' ferita gravi ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta`tieghek, u dan bi ksur tal-artikoli 41(1)(a), 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament soqt il-vettura tieghek tal-ghamla Jaguar, bin-numru ta' registrazzjoni JAG-600 ghal fuq il-persuna ta' Chantelle Micallef u/jew persuna/i ohra u kkagunajtilha griehi ta' natura hafifa, skond ma iccertifikat Dr. Andrea Fenech tal-isptar Mater Dei, u dan bi ksur ta' l-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kont qed issuq vettura tat-tip Jaguar, bin-numru tar-registrazzjoni JAG-600, involontarjament tghajjart lil Chantelle Micallef u/jew persuna/i ohra, u ikkagunajtilha griehi ta' natura hafifa, hekk kif iccertifikat minn Dr. Andrea Fenech tal-isptar Mater Dei, u dan bi ksur ta' artikolu 226(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur ta' l-artikoli 338(1)(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sirt recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' din il-persuna/i hawn fuq indikata.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tak-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Chantelle Micallef, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Rat li matul l-ezami tal-imputat, huwa tenna li ma kienx hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.
Semghet ix-xhieda.
Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat:**

L-**Ispettur Robert Said Sarreo** xehed fil-5 ta' Novembru, 2015[1] fejn huwa spjega li fil-25 ta' Lulju tas-sena 2015 ghal habta tal-ghaxra neqsin kwart ta' filghaxija (9:45pm), il-Pulizija mill-Ghassa ta' Bormla ircevew telefonata fejn il-persuna b'lehen maskili instemghet agitata u talbet l-assistenza tal-Pulizija wara li l-vettura tieghu tat-tip *Jaguar* bin-numru ta' registrazzjoni JAG-600 intlaqtet minn vettura ohra waqt li kienet tinsab ipparkeggjata fi Triq San Pawl, Bormla. Il-persuna talbet ghal assistenza tal-Pulizija peress li hekk kif avvicinat il-persuna li kien irriversja fuq il-vettura tieghu kienu hargu diversi nies ghalih u beda jibza. Ghalkemm il-Pulizija marret fuq il-post fejn sehh l-allegat incident, ma sabet lil hadd. Izda wara ftit l-istess persuna u cioe' l-imputat Clayton Azzopardi mar l-Ghassa ta' Bormla u ta l-verzjoni tieghu ta' kif kien sehh l-incident in kwestjoni.
gftv
Il-Pulizija mill-istess Ghassa ftit minuti wara li dahal jaghmel rapport l-imputat irceviet telefonata li kienet ittajret persuna fl-istess post fejn kien sehh l-incidenti in kwestjoni. Kif il-Pulizija marret fuq il-post hija sabet lil certu Chantelle Micallef, li ghalkemm konxja kienet wiccha 'l fuq mal-art fejn kellha xi griehi f'saqajha u idejha kif ukoll beda hiereg id-demm minn naha ta' wara ta' rasha. Hija spjegat lill-Pulizija li flimkien ma' shabha kienu qeghdin fuq il-bejt tal-blokk ta' appartamenti li jaghti ghal fuq l-istess triq jaghmlu barbeque, u bdew jisimghu *horn* idoqq. Joseph Cassar nizel minn fuq il-bejt ghax haseb li rieduh iressaq il-vettura, izda huwa sab lill-imputat li beda jargumenta mieghu ghax beda jinsisti li laqatlu l-karozza.

[1] A fol. 12 sa 15 tal-process

Hija sahhqet li l-argument baqa' ghaddej u kienu huma li cemplu lill-Pulizija u mhux l-imputat.

Chantelle Micallef insistiet li l-imputat kien tajjarha intenzjonalment. Di fatti l-Ispettur Robert Said Sarreo spjega li Chantelle Micallef qaltlu li, "*Hin minnhom Clayton dahal fil-vettura u iriversja. U dak il-hin li rriversja, waqaf, cempel fuq il-mobile rega' saq 'il quddiem ghal go fihom, saq ghal fuqha, tant li tajjarha, tellghaha fuq il-bonnet, saq biha ghal ftit sekondi, zamm il-break u din taret minn fuq il-bonnet, u rega saq lura bis-sahha u hareg mill-isqaq u baqa sejjer*[2]." Wara li ttiehdet l-Isptar Mater Dei, Chantelle Micallef giet iccertifikata[3] mit-Tabib Andrea Fenech li kienet qieghda issofri minn griehi ta' natura hafifa.

L-Ispettur Robert Said Sarreo spjega li l-verzjoni kif moghtija minn Chantelle Micallef giet ikkonfermata minn diversi nies ohra li kienu fuq l-post li gew mitkellma mill-Pulizija. Sussegwentment ghal liema gie interrogat l-imputat li irrilaxxa stqarrija bl-istess verzjoni li huwa kien ta' lill-Pulizija fir-rapport[4] li kien ghamel huwa stess.

**Chantelle Micallef** tat ix-xhieda taghha fil-5 ta' Novembru, 2015[5] fejn hija spjegat li lejn l-ahhar ta' Lulju flimkien ma madwar tmienja minn nies ohra fosthom David Brincat, ohtha Maxine Micallef, Deniro Magri u Joseph Cassar kienu qeghdin jaghmlu *barbeque* fuq il-bejt tal-proprjeta` tal-gharus taghha gewwa Triq Bieb Bormla, Bormla stess meta habib taghhom Joseph Cassar nizel biex jirriversja mill-sqaq sabiex tohrog karozza ohra. Hekk kif huwa rega' dahal fl-istess sqaq bil-karozza u telgha fuq dahlet vettura tat-tip *Jaguar* fl-istess sqaq u l-imputat beda jghajjat u jdoqq il-*horn*. Inizjament huma ma tawx kaz ghax ma hasbux li kellhom x'jaqsmu mal-kommossjoni li inholqot izda hekk kif l-ghajjat u d-daqq tal-*horn* ma waqafx huma ttawwlu ghal isfel u nizlu sabiex jaraw x'gara. Hija spjegat kif l-imputat u Joseph Cassar bdew jilletikaw bejniethom peress li Clayton Azzopardi

---

[2] A fol. 14 tal-process
[3] Dok. RSS2 – A fol. 23 tal-process
[4] Dok. RSS1 – A fol. 16 sa 22 tal-process
[5] A fol. 28 sa 33 tal-process

allega li Joseph Cassar kien laqatlu l-vettura tieghu izda dehru li rrisolvew il-kwestjoni wara li Joseph Cassar ta lill-imputat in-numru tieghu u talbu jcempillu it-Tnejn peress li huwa jaghmel xoghol ta' *sprayer*. L-imputat dahal fil-karozza u talab lil Joseph Cassar jara jekk il-hanut li kien jinsab fil-kantuniera bl-isem *Suez Canal* kellux *cameras* izda dan irrizulta fin-negattiv. Ix-xhud kompliet tghid li L-imputat instemgha jcempel lil xi hadd, "*U sandanitant hu kien qed jirriversja l-karozza biex johrog minn gol-isqaq, u f' daqqa wahda saq fuqi*[6]."

Fix-xhieda taghha hija spjegat kif l-imputat kien qieghed jirriversja, waqaf u saq ghal fuqha hekk kif hija kienet tinsab fuq quddiem tal-vettura. Mistoqsija jekk l-imputat saqx bis-sahha jew bil-mod hija spjegat li bid-daqqa, "*tlajt fuq il-bonnett, u mbghad zamm il-break u tirt*[7]" filwaqt li l-imputat irriversja u baqa' sejjer l-Ghassa tal-Pulizija. Konsegwenza tal-incident Chantelle Micallef spjegat li sofriet diversi griehi.

**Joseph Cassar** kif ukoll **Hayley Fenech**[8] sahhqu li huma ma kienux jafu lill-imputat. Joseph Cassar spjega li l-argument inqala bejnu u bejn l-imputat u li Chantelle Micallef ma kenitx involuta fil-battibekk ta' bejniethom. Huwa spjega kif l-imputat baqa' jinsisti li x-xhud kien laqghatlu l-vettura tieghu fejn il-komprtament tieghu ma kienx wiehed kalm, u spjega "*biex ma jinqalax paroli u hekk tajtu n-numru tieghi ghax jiena nahdem sprayer tal-karozzi ktibtu mbghad fid-daqqa u l-hin hekk laqghat wahda minnhom saq fuqha.*[9]" Izda sostna li, "*jien rajtu jtghajjarha biss issa jekk zball jew mhux ma nafx ezattament*[10]."

Minn naha l-ohra Hayley Fenech spjegat li kienet hi li "*ktibtlu n-numru ta' Joseph biex intihulu biex b'hekk ikun jista' jcempllu 'l ghada u jitkellmu bil-mod*[11]." Mistoqsija mill-Qorti jekk l-imputat kienx irrabjat kif dahal fil-vettura, hija tghid li ma kienx irrabjat. Fir-rigward tal-imptatt hija tghid li

[6] A fol. 30 tal-process
[7] A fol. 31 tal-process
[8] Xehdu fl-1 ta' Frar 2016
[9] A fol. 41 tal-process
[10] A fol. 41 tal-process
[11] A fol. 54 tal-process

mehud in konsiderazzjoni li t-triq hija sqaq, li kieku saq il-quddiem kien jidhol fil-hajt izda kif l-imputat "*saq il-karozza forsi ghamel tlett (3) sekondi, erbgha (4) tah break u jirriversja b'lura*[12]."

**PS1051 Brian Cremona** ta x-xhieda tieghu fl-1 ta' Frar, 2016[13] fejn huwa spjega li meta sehh l-incident mertu tal-kaz odjern huwa kien xoghol gewwa l-Ghassa ta' Bormla u hejja r-rapport[14] in kwestjoni.

**Stephen Cachia** in rapprezentanza tat-*Transport Malta* ta x-xhieda tieghu fl-20 ta' Frar, 2017[15] fejn ikkonferma li fil-jum tal-incidenti in kwestjoni fil-25 ta' Lulju, 2015 il-vettura tal-ghamla *Volkswagen Golf* tal-kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni ACC-963 kienet tinsab registrata fuq Joseph Cassar filwaqt li l-vettura tal-ghamla *Jaguar* tal-kulur silver bin-numru ta' registrazzjoni JAG-600 kienet tinsab registrata fuq Frank Zammit.

L-imputat **Clayton Azzopardi** ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri fejn huwa ta x-xhieda tieghu fil-5 ta' Settembru 2018[16]. Huwa spejga li fil-jum in kwestjoni hareg lill-nanntu fejn hadha l-Isla tiehu pizza. Huwa spjega li qabel ma wassalha lura d-dar taghha gewwa Haz-Zabbar, waqaf bil-karozza quddiem hanut maghruf bhala l-Iswejs li jinsab fuq kantuniera sabiex jixtri xi haga. Mal-kantuniera tal-hanut hemm sqaq u sakemm mar jixtri harget vettura bir-*reverse* mill-istess sqaq sabiex tohrog vettura ohra, hekk kif daret ix-xufier laqatlu l-vettura precizament fuq il-bieba tan-naha tal-passiggier. Huwa gera sabiex jipprova jilhaq lix-xufier izda dan lehaq rega' dahal fl-istess sqaq u rah jipparkja il-vettura tieghu. L-imputat dahal fil-vettura tieghu u saq ghal gewwa l-isqaq. Kif irrelalizza li ma kien hemm hadd fil-vettura huwa daqq il-*horn* u nizel ix-xufier tal-karozza u inholoq disgwid bejn l-imputat u Joseph Cassar fejn huwa beda jichad li laqghatlu il-vettura. F'daqqa u 'l hin kif iz-zewg partijiet kienu waslu sabiex jilhqu kompromess tfaccaw shab Joseph Cassar madwar tmienja (8) jew ghaxra

---

[12] A fol. 56 tal-process
[13]A  fol. 35 sa 36 tal-process
[14] Dok. BC – A fol. 45 sa 51 tal-process
[15] A fol.  63a sa 63b tal-process
[16] A fol. 83 saq 94 tal-process

(10) min nies kemm nisa u irgiel fejn huwa hass li ser jinqala l-glied proprju ghax wiehed minn dawn il-persuni ta daqqa bil-ponn fuq bieb ta' residenza. Kif ra hekk l-imputat dahal fil-vettura tieghu, sakkar il-karozza u cempel in-numru wiehed, wiehed, disgha (119) fejn talab li jqabduh mal-Ghassa ta' Bormla. Hekk kif huwa qabad mal-Ghassa ta' Bormla u beda jipprova jitkellem, b'kemm ghandhom sahha bdew jaghtu d-daqqiet bil-ponn mal-karozza tieghu. Huwa jispjega kif dak il-hin mara telghatlu fuq il-*bonnet* tal-vettura tieghu waqt li kien qieghed jirriversja bil-mod minn gewwa l-isqaq, fil-kommossjoni li inqalghat huwa tbaxxa ghax tant kemm bdew jaghtu bis-sahha lill-vettura li haseb li ser ikissruwielu. Kif tbaxxa huwa spjega kif haseb li bil-minkeb laqghat il-*gear box* tal-vettura tieghu li hija ta' tip *automatic*, tant illi waqfet zopptu u mxiet kemm, kemm il-quddiem u rega' ghafas il-*break*. Huwa irnexxilu johrog mill-isqaq u mar jigri l-Ghassa.

**Ikkunsidrat:**

Fl-ewwel lok jehtieg li jigi rilevat li inkwantu ghall-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, din il-Qorti tqis li ghandha tigi skartata u dan peress li l-imputat ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogatorju. Dan abbazi ta' dak deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018; kif ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia** deciza fl-20 ta' Novembru 2018.

## L-Ewwel Imputazzjoni

Permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat gie akkuzat b'attentat ta' ferita gravi. il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro (Alexander) Chetcuti**[17] fejn inghad:

[17] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-18 ta' Settembru 2013

*"Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat tal-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. "Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu." (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).*

*Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: "the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible." (Notes on Criminal Law), izda imbaghad izid "Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply* ***in dubbio pro reo****."*

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubbblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

*"Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:*
*"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di*

*tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo."*

*U ikkonkludiet: "**Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok**."*

Illi kif diga inghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat tal-offiza gravi jew gravíssima l-prosekuzzjoni jenhtiegilha tipprova lil hinn

minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma."

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-imputat kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna hsara gravi fuq Chantelle Micallef. Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni ma gietx ippruvata.

**<u>It-Tieni u t-Tielet Imputazzjonijiet</u>**

Il-verzjoni kif moghtija mill-imputat hija hafna aktar kredibbli u verosimili minn dik moghtija mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni senjatament Joseph Cassar, Hayley Fenech u Chantelle Micallef jirrizultaw kontradizzjonijiet :

- Filwaqt li Hayley Fenech tghid li meta dahal fil-karozza l-imputat kien jidher kalm, Joseph Cassar jghid li ma kienx kalm;

- Hayley Fenech tghid li hija kitbet in-numru ta' Joseph Cassar u ghaddietu lill-imputat filwaqt li Joseph Cassar jghid li huwa tah in-numru tieghu;

- Hayley Fenech spjegat kif l-imputat mill-ewwel saq ghal fuq Chantelle Micallef ghal ftit sekondi izda irriversja wara filwaqt li Joseph Cassar u Chantelle Micallef jispjegaw li l-ewwel l-imputat beda jirriversja u wara saq 'il quddiem.

- It-tlett xhieda stqarru li ma kienux jafu lil imputat u ghalhekk ma kienx hemm raguni ghalfejn l-imputat itajjar lil Chantelle Micallef u anki dakinhar ma rrizultax li kellu xi argument maghha.

Il-Qorti temmen il-versjoni moghtija mill-imputat ghaliex setghet anki tifli l-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda. L-imputat tfixkel b'dak kollu li kien ghadu kif sehh u dak il-hin ma kellux il-kontroll tal-karozza u ghalhekk minflok baqa' jirriversja mar ftit 'il quddiem u laqat lil Chantelle

Micallef. Huwa ta' rilevanza wkoll li l-karozza ma kienx fiha hafna hsara u li kieku l-incident kif deskritt minn Chantelle Micallef kien veritier il-hsarat kienu jkunu ferm akbar. Kwindi l-imputat mhux se jinstab hati tat-tieni imputazzjoni.

Inkwantu ghall-griehi sofferti, il-Prosekuzzjoni ma pproducietx lit-tabib Dr Andrea Fenech sabiex jikkonferma c-certifikat mediku taht gurament. Id-Difensur tal-imputat issoleva dan il-punt. Biss pero' in-natura tal-griehi fl-ahhar mill-ahhar hija mhollija f'idejn il-gudikant u f'dan il-kaz tqis li m'hemmx dubju li l-griehi kienu ta' natura hafifa. Tenut kont li rrizulta li l-imputat saq il-vettura tieghu b'negligenza huwa se jinstab hati tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>Ir-raba' imputazzjoni</u>**

Din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

**<u>L-Addebitu tar-Recediva</u>**

Billi ma giet prezentata l-ebda sentenza li nghatat fil-konfront tal-imputat tali addebitu ma giex ippruvat.

**<u>Piena</u>**

Illi inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, il-fedina penali tal-imputat li mhiex wahda allarmanti u c-cirkostanzi tal-kaz. Ghalhekk tqis li ghandha tapplika l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikolu 226(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' €58, filwaqt li

ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**